

# Toroq u Lapidi

John L. Bonnici



Kull meta ninżel sa Ħal Qormi u xi drabi, naħtaf l-okkażjoni li ndur mat-toroq, nieħu pjaċir nara xi ftit minnhom imsemmija għal xi personaġġ jew ġrajja jew inkella xi snajja' li, tul iż-żmien ikollhom, xi konnessjoni mal-Belt Pinto.

Fost dawn it-toroq insibu Triq Ġużè Muscat Azzopardi, il-Missier tal-Letteratura Maltija, Triq il-25 ta' Mejju 1743, il-jum li fih ir-raħal tagħna sar Città Pinto u Triq il-Ħabbież, li tfakkar is-sengħa ewlenija ta' Ħal Qormi.

Toroq oħra li juru l-iżvilupp ta' beltna, minn wieħed x'aktarx agrikolu għal wieħed kummerċjali jew industrijali jagħmlu sens għaliex, bla ma nintebħu, juru l-evoluzzjoni tar-raħal. Din l-evoluzzjoni, jew passaġġ minn ġrajja għal oħra jew minn stat għal ieħor, tifforma parti mill-istorja ta' raħalna li ma nsibuhiex miktuba fil-kotba.

Ta' min ifaħħar l-azzjoni li ttieħdet biex il-biċċa l-kbira tat-toroq fil-qasam industrijali ta' Tal-Ħandaq jissemmew għal nies li taw il-kontribut tagħhom jew li għamlu ġieħ lil Ħal Qormi.

Triq li ġġibli tifkiriet ta' meta kont nistudja l-Iskozja hija Triq il-Għaqda. Niftiehmu mhix xi triq speċjali jew li ma tispiċċa qatt, imma li fiha tifsira. Filwaqt li Triq il-Għaqda tgħaqqad iż-żewġ parroċċi, *Union Street* (Triq il-Għaqda) f'Aberdeen tfakkar l-għaqda taż-żewġ parlamenti, dak Ingliż u dak Skoċċiż fl-1707. (Għal xi Skoċċiżi din il-liġi tfisser daqqa ta' ħarta għall-indipendenza ta' pajjiżhom.)

Bħal kull raħal ieħor, Ħal Qormi għandu toroq imsemmija għal xi qaddis li ma ssibhomx f'irħula oħra. Qiegħed nirreferi għal Triq San Rafel. Ta' min jgħid li f'Għawdex wieħed isib L-Għadira ta' San Raflu, imma din mhix triq: forsi din l-għadira hija msemmija għal dan l-Arkanġlu? Min jaf? Hawnhekk nixtieq nagħmel xi suġġerimenti dwar xi ismijiet ta' toroq. Naraha daqsxejn stramba li jkollna triq imsemmija għall-bard, jew għall-iżbandola meta stajna semmejna triq għal Monsinjur Anton Vella, l-ewwel Arċipriet tal-Parroċċa tagħna. Qormi ieħor li jixraqlu triq għalih huwa s-Surmast Vincent Ungaro, li barra milli kien xandâr (kien jitkellem fil-programm *Din Hija Londra*), kien ukoll poeta u l-awtur tal-innu tal-Kumpanija Teatrali Anici.

Personaġġ, li għalkemm mhux Qormi, imma li ta kontribut lil Ħal Qormi huwa Ignazio Potenzone, li xettel l-imħabba lejn il-logħob tan-nar fil-Qriema.

Membru tal-Kleru ieħor li ħaqqu li jiġi mfakkar billi nsemmu triq għalih huwa Dun Ġużepp Borg li kien wieħed mill-fundaturi tal-Missjoni l-Kbira. Dun Ġużepp miet ta' 59 sena fl-1913.

Għandna niftakru wkoll f'Dun Vinċenz Borg li bena l-Oratorju Festiv Sagra Familja u li dam direttur tiegħu sal-1957.

Mingħajr l-ebda dubju dawn il-ħames personaġġi ħaqqhom li jiġu mfakkra.

Barra mit-toroq, hemm ukoll il-lapidi. Dawn ukoll jiffurmaw parti mill-ġrajjiet ta' kull pajjiż jew raħal inkella belt. Fir-raħal tagħna, safejn naf jien, hemm erba' lapidi li jfakkru nies li għamlu ġieħ lill-Belt Pinto. Dawn huma Ġużè Muscat Azzopardi li hu mfakkar b'żewġ lapidi, Antonio Muscat Fenech u Stanislaw Gatt.

Fil-fehma tiegħi hemm nies oħrajn li ħaqqhom lapida biex it-tifkira tagħhom ma tintilifx. Nibdew bil-Kanonku Dun Ġwakkin Schembri li ħalla d-dar tiegħu bħala rigal lill-parroċċa tagħna u li, bis-saħħa ta' din l-għotja nistgħu niftaħru li għandna *Domus Curialis* li tixraq lil Ħal Qormi.

Din is-sena jaħbat il-75 anniversarju mit-twaqqif tal-Kumpanija Teatrali Anici. Inħoss li huwa xieraq li titwaħħal lapida fid-dar li fiha għex u miet il-Fundatur ta' din l-Għaqda Drammatika jiġifieri Rafel Muscat. Fil-laqgħa li fiha twaqqfet l-Anici u li dejjem kif kienet tgħid ommi li tiġi t-tifla tiegħu, in-nannu kien qal hekk "Filarmonica San Giorgio mela Filodrammatica Anici."

Personaġġ ieħor li ħaqqu min ifakkru huwa *Kurun*. M'għamel xejn speċjali imma l-ħanut tiegħu sab ruħu fil-Letteratura Maltija permezz tal-kitba tal-Avukat Ġorġ Zammit fil-ġrajjiet ta' *Wenzu u Rożi*.

Nixtieq nagħlaq billi ngħid li dawn m'humiex ħlief ftit ħsibijiet li għaddew minn moħħi imma nixtieq li l-Kunsill Lokali u Għaqdiet oħra li għandna f'Ħal Qormi juru apprezzament lejn dawn in-nies (u oħrajn ukoll) billi jfakkruhom b'mod dejjiemi.

Nixtieq nappella lill-Kunsill Lokali biex, minn żmien għal żmien joħroġ tagħrif fil-qosor dwar nies li jkunu għamlu ġieħ lil raħal twelidna.

Minn qalbi nixtieq lill-Qriema kollha festa kbira u sabiħa kif jixraq lill-Patrun tagħna San Ġorġ Martri.

Naħtaf l-okkażjoni biex nifraħ lill-Għaqda "23 ta' April" u nixtiqilhom kull suċċess b'ħidmietha billi din is-sena qed tfakkar il-25 sena mit-twaqqif tal-kumpless il-ġdid.

NOUVEAU CONTOUR®
THE POWER IN PERMANENT BEAUTY
*Enhance your Beauty with Semi-Permanent make-up!*



*What is Semi Permanent Make-up?*

*Semi permanent make-up allows women of all ages to enhance and define their features, creating a beautiful, natural look, which will compliment or even replace the use of conventional make-up.*

**Call Cute Beauty Salon TODAY on 21448277 for a FREE Consultation!**